MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 714/1995/1

**Avv. Simon Tortell, bhala mandatarju tal-assenti Giuseppe Mertoli, sia f'ismu proprju kif ukoll bhala propjetarju tal-azjenda kummercjali estera "Bimer" u dan skond l-annessa prokura immarkata Dok.GM1**

**vs**

**Gianna sive Joan Cortis, u zewgha Nazzareno Cortis ghal kull interess li jista' ikollu u b' digriet tad-9 ta' April 1997 gie kjamat in kawza Gino Cauchi.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi l-attur nomine kkonsenja lill-konvenuta diversi ordnijiet ta' hwejjeg, u dan kif jirrisulta mill-annessi tmien fatturi, markati Dok.GM 2 sa GM 9;

Illi l-valur ta’ dawn il-fatturi li ghadhom ma thallsux jammonta ghal total ta’ hamsa u ghoxrin miljun mitejn u tnejn u disghin elf hames mija u hamsin lira Taljana (Lit.25.292.550);

Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u esigibbli, u fil-fehma tal-attur, il-konvenuta m’ ghandhiex eccezzjonijiet validi x’topponi kontra t-talbiet attrici, u dan kif jirrisulta mill-affidavit tal-attur nomine anness u mmarkat Dok. GM 10;

Illi ghalkemm interpellata, il-konvenuta baqghat inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine qed jitlob li tigi milqugha t-talba tieghu bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 et seq. tal-Kodici u Organizazzjoni u Procedura Civili, u b’hekk il-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine l-ekwivalenti f’valuta Maltija tas-somma ta’ liri Taljani hamsa u ghoxrin miljun mitejn u tnejn u disghin elf hames mija u hamsin (Lit. 25.292.550), dovuti kif fuq intqal.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta’ qbid, sekwestru u impediment tal-Partenza kontra il-persuna, ppresentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax kummercjali mid-data ta’ kull fattura.Il-konvenuta giet ukoll ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-attur nomine Dr. Simon Tortell li gie anness mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Joan Cortis et fejn gie eccepit:-

Illi fl-ewwel lok, l-eccipjent Nazzareno Cortis m’ ghandux locus standi f’ din il-kawza u mhux il-legittimu kontradittur tal-attur nomine.  Ghalhekk ghandu jigi mahrug mill-gudizzju immedjatament, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Illi l-eccipjenti Nazzareno Cortis mhux kummercjant u qatt ma ghamel ebda transazzjoni li taqa taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc, u ghalhekk fir-rigward tieghu din il-Qorti hija inkompetenti.

Illi l-eccipjenti Joan Cortis ma hix il-legittima kontradittrici tal-attur nomine u l-ammont mitlub bic-citazzjoni mhux dovut mill-eccipjenti, billi n-negozju de quo ma sarx maghha personalment.

Illi bla pregudizzju, ghandu jigi kjamat in kawza Gino Cauchi billi dan kien jifforma parti mill-assocjazzjoni kummercjali soprandikata.

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-attur nomine ghamel spedizzjonijiet ta' merkanzija fuq isem l-eccipjenti, li ghalihom l-eccipjenti kienet kompletament estranea, u dana peress illi l-ftehim esistenti bejn l-attur nomine u l-eccipjenti kien illi l-eccipjenti tippresta l-opera taghha u tiehu kummissjoni fuq il-bejgh effettiv, u fuq din il-bazi ta' kummissjoni kien hemm ukoll persuni ohra li kienu qeghdin jipprestaw l-opera taghhom, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-ammont mitlub huwa ezagerat kif jirrizulta mill-ittra nterpellatorja hawn esibita u markata "Dokument JC1".

Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-eccipjenti hija kreditrici tal-attur u ghalhekk f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-eccipjenti ghandha xi responsabbilita', hemm lok ghal tpacija skond l-artikoli 1196 u 1197 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imsemmija konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha. istess Joan Cortis.

Rat li b'dikriet tal-23 ta'Gunju 1995 giet nominata l-assistent gudizjjarju Dottor Maria Dolores Gauci biex tigbor il-provi.

Rat l-affidavit tal-attur Giuseppe Mertoli nomine.

Rat id-dikriet tal-9 ta' April 1997 ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li permezz tieghu giet akkolta t-talba tal-konvenuta ghall-kjamata fil-kawza ta' Gino Cauchi.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Gino Cauchi fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kjamat fil-kawza la ghandu jaghti lill-attur u lanqas lill-konvenuta.

Illi l-kjamat fil-kawza huwa burdnar u l-inkarigu tieghu kien li jgorr u jikkonsenja l-ordnijiet ta' hwejjeg mid-Dwana lill-konvenuta kif fil-fatt ghamel.

Rat l-affidavit tal-konvenuta.

Rat il-verbali tal-varji seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-affidavit ta' Alison Cortis prodott mill-konvenuta.

Semghat lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti.

Rat l-affidavit tal-kjamat fil-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ultejuri tal-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta fatt**

Din il-kawza giet proposta mill-mibki Avukat Dottor Simon Tortell f'isem l-assenti Giuseppe Mertoli, kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala propjetarju tal-azjenda kummercjali estera "Bimer." Dawnil-proceduri saru kontra l-konvenuti Gianna sive Joan Cortis, u zewgha Nazzareno Cortis. Fuq it-talba tal-konvenuti gie kjamat fil-kawza certu Gino Cauchi.

L-attur imsemmi Pippo Mertoli hu negozjant minn Sqallija. Jidher li Mertoli kien ftiehem mal-konvenuta Joan Cortis, li kellha licenzja tal-importazzjoni, li hu jibghat Malta merkanzija (hwejjeg) minn Sqallija fuq isem l-imsemmija konvenuta. L-attur Mertoli jikkonferma li l-ftehim kien li l-konvenuta, ma' certu Mario Maugeri, li hu ħabib tal-attur Mertoli, kellhom ibieghu din il-merkanzija u jzommu ghalihom kummisjoni ta' hamsa fil-mija (5%). Il-konvenuta u Maugeri kellhom sussegwentement ihallsu lill-attur tal-merkanzija.

Ġara illi l-konvenuta u Maugeri riedu jkabbru in-negozju u involvew lill-kjamat in kawza Gino Cauchi. L-imsemmi ftehim originali jidher li nbidel in partikolari dwar il-kummissjoni. Ghalhekk l-attur, il-konvenuta u l-kjamat in kawza ftehemu li l-attur kellu jibgħat il-merkanzija Malta u l-konvenuta kellha tbiegħha b'kummissjoni ta', din id-darba, għaxra fil-mija (10%). Il-kjamat fil-kawża kellu jiehu hsieb joħroġ il-merkanzija mid-dwana u johodha ghand il-konvenuta. Jidher li sussegwentament certu Andrea Santonocito beda ukoll jghin lill-konvenuta Cortis tbiegh il-merkanzija, u huwa ukoll kellu jiehu kummissjoni ta' ghaxra fil-mija (10%).

L-attur Mertoli kkonferma li minn żmien għal żmien huwa kien jiġi Malta sabiex jitħallas għall-prezz tal-merkanzija li jkun bghat Malta. L-attur inoltre qal li l-konvenuta, f'certu punt ma kenitx qed tħallas u appuntu ghalhekk giet

presentata il-presenti kawza proprju bit-talba għall-prezz tal-merkanzija allegatament dovut lilu.

Jirriżulta li din l-attività kummercjali kienet qiegħda issir permezz tal-licenzja li kellha f'idejha l-konvenuta. Jirriżulta ukoll illi bħala maħżen għall-merkanzija, l-attur kien ħallas il-kera ta' garaxx ghal sena bil-quddiem. Meta l-attur kien jibghat il-merkanzija minn Sqallija, il-konvenuta Cortis jew Maugeri kellhom jigbruha mid-dwana u jiehduha gewwa l-mahzen mikri lill-attur. Il-konvenuta biss kellha c-cwievet ghal dan il-mahzen jew store.

L-attur isostni li, meta daħal fl-istampa l-kjamat fil-kawza Cauchi, l-ftehim kien li l-konvenuta kellha tghaddi l-flus tal-merkanzija lil Cauchi, li minn naha tieghu kellu sussegwentement jghaddihom lill-attur. L-attur isostni ukoll li l-konvenuta qatt ma ghamlet dan, u kien Santonocito biss li kien jibgħat il-flus.

Da parti tagħha, il-konvenuta Cortis tikkonferma bil-gurament li kollox kien qed jimxi sewwa pero' biss sat-tieni konsenja. Hija kkonfermat li ħallset lill-attur għall-prezz tal-merkanzija mibghuta sal-imsemmija tieni konsenja. Ikkonfermat li hi zammet il-kummissjoni kif miftiehma (fol.149).Il-konvenuta pero' ma qalet xejn dwar jekk hallsitx jew le ghal konsenji sussegwenti. Il-konvenuta sostniet li mill-mument meta daħal Cauchi fix-xena, hi kienet izzomm il-kummissjoni u kienet tghaddi dak li kien dovut lill-attur lill-istess Cauchi jew lill-accountant tal-istess kjamat fil-kawza. Kwindi, skond il-konvenuta, hu l-kjamat in kawza Cauchi li semmai ghandu jhallas ghall-merkanzija lill-attur Mertoli.

Da parti tiegħu, il-kjamat fil-kawża jsostni li huwa m'għandu jagħti xejn la lill-attur u lanqas lill-konvenuta stante li r-rwol tiegħu kien biss ta' burdnar u kull ma għamel kien li ġarr il-merkanzija mid-dwana sal-imsemmi maħżen. Fl-affidavit tiegħu (fol.251) Cauchi kkonferma li ma ġabar ebda flus mingħand il-konvenuta Cortis.

**Konsiderazjonijiet ta' ligi**

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Cortis tirrigwarda l-posizzjoni tal-konvenut Nazzareno Cortis. Skond il-konvenuti l-imsemmi Nazzareno Cortis m'ghandux "locus standi" f'dawn il-proceduri stante li mhux il-legittimu kontradittur. Ghalhekk il-konvenuti jsostnu li l-istess konvenut ghandu jigi mahrug mill-gudizzju.

Fit-tieni eċċezzjoni taghhom, il-konvenuti Cortis jeċepixxu illi l-istess konvenut Nazzareno Cortis mhux kummercjant u qatt ma ghamel ebda transazzjoni li taqa taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc, u ghalhekk fir-rigward tieghu din il-Qorti hi inkompetenti.

Jista jinghad li ghar-rigward ta' dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet jirriżulta li effettivament il-konvenut Nazzareno Cortis mhux il-legittimu kontradittur tal-attur nomine. Ma jirriżulta minn imkien mill-provi li l-imsemmi konvenut kien partecipi fin-negozjati bejn il-konventa u l-attur nomine. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti timmerita li tigi akkolta u konsegwentement il-konvenut Nazzareno Cortis għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. B'hekk qed tigi sorvolata t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Ft-tielet eccezzjoni l-konvenuta tissottometti li lanqas hi ma hi l-legittimu kontradittur tal-attur nomine stante li n-negozju in kwestjoni ma sarx mal-konvenuta personalment. Fil-hames eccezzjoni taghha, l-konvenuta tissottometti li l-attur nomine ghamel spedizzjonijiet ta' merkanzija fuq isem l-eccipjenti, li, pero', fir-rigward taghhom l-eccipjenti kienet kompletament estranea, u dana billi l-ftehim eżistenti bejn l-attur nomine u l-eccipjenti kien fis-sens li l-eccipjenti tippresta l-opera taghha u tiehu kummissjoni fuq il-bejgh effettiv, u fuq din il-bazi ta' kummissjoni kien hemm ukoll persuni ohra li kienu qeghdin jipprestaw l-opera u s-servigi taghhom.

Ghalhekk in effett il-konvenuta qed teċepixxi illi n-negozju ma sarx maghha personalment u hi kull ma dahlet billi kellha semplicement tħalli lill-attur juża l-liċenzja tagħha kif ukoll kellha ssib il-bejgh tal-merkanzija u ta' dan kelha tieħu kummissjoni.

F’dan ir-rigward, pero’, dak kollu li qed issostni l-konvenuta zgur li ma jirriżultax mill-provi. Zgur li ma jirrizultax li kien hemm ftehim tat-tip illi l-konvenuta tħalli lill-attur juża l-liċenzja tagħha u illi kull ma kellha tiehu kienet il-kummissjoni fuq il-bejgħ. In effett jirrizulta li skond id-dokument fol.145 cioe l-ittra lill-attur u li inkitbet fuq l-inkarigu tal-konvenuta, l-istess konvenuta tikkonferma li kienet qed tinnegozja mal-attur għal xi żmien. Fl-imsemmi dokument il-konvenuta ma tiċħadx illi sar negozju bejnha u l-attur. In oltre in kontro eżami l-konvenuta (fol.187) in effett tikkonferma li kienet taħdem mal-“group” li kien involut fin-negozji in kwestjoni.

Jirriżulta li l-konvenuta kienet taħżen il-merkanzija f’garaxx li hi biss kellha ċ-ċwievet tieghu (fol.206). Fl-affidavit taghha l-konvenuta tispjega li ħallset għall-ewwel konsenja li saret f’Ottubru u tispjega li xtrat dik il-merkanzija u sussegwentement żammet il-profitt taghha. Fir-rigward tal-konsenja ta’ Novembru 1993 hi ukoll ħallset lill-attur Mertoli kif ukoll zammet il-kummissjoni. Wara l-imsemmija data ma jirrizultax li sar xi ftehim iehor jew li sar xi bdil fil-ftehim. Minn dan kollu jsegwi li fir-rigward tal-merkanzija sussegwenti, u ċioe dik minn Diċembru ‘l hawn kienet ghada vigenti l-imsemmija sistema tal-ħlas tal-merkanzija lill-attur Mertoli u cioe’ li kienet il-konvenuta li kellha ir-responsabiliota’ li thallas lill-imsemmi attur.

Fl-affidavit tagħha il-konvenuta tikkonferma li f’certu hin bdiet thallas lill-kjamat fil-kawża Gino Cauchi, u dan kien għall-ħabta ta’ Jannar/Frar. Hu zgur li l-konvenuta ma ppruvatx dan u lanqas ma pprovat li ghamler xi pagament lill-kjamat fil-kawża Cauchi. Fl-affidavit ta’ dan tal-ahhar (fol.251) jinghad testwalment kif gej:- “nikkonferma wkoll illi jiena ma gbart l-ebda flus minghand il-konvenuta Cortis rigwardanti l-konsenja in kwistjoni li kienu jigu trasportati l-Gudja”.

Fir-rigward tar-ricevuti immarkati Dok JB (fol 166) ippreżentati mill-konvenuta in sostenn ta’ dak li hi allegat u cioe’ li hallset lil Cauchi, il-kjamat in kawza jgħid hekk:-

“Fir-rigward ta’ l-ircevuti esebiti mill-konvenuta Joan Cortis, mmarkati bhala Dok. JB, nghid ili dawn huma ammonti ta’ flus illi Joan Cortis kienet qed thallas lili wara li jiena selliftha flus biex iggib il-merkanzija; il-merkanzija hija seat covers … Din il-merkanzija ma kellhiex x’taqsam ma’ l-attur Mertoli u kienet tikkonsisti f’ seat covers u bed spreads. Naf ukoll illi n-negozju ta’ Mertoli kien hwejjeg biss.”

Fir-rigward tal-ħlas tal-bejgh tal-merkanzija l-accountant tal-kjamat fil-kawza, Joe Debono, qal li hu ma jiftakarx li huwa qatt ircieva hlas minghand il-konvenuta. Kif gia rilevat il-konvenuta qed teċepixxi illi hija ma għandha tagħti xejn lill-attur stante li ma ppartecipatx fl’ebda negozju mal-attur. Jirrizulta li l-merkanzija waslet Malta u l-konvenuta ma pprovatx li ghamlet xi pagament jew direttament lill-attur jew lill-kjamat fil-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-tielet u l-ħames eċċezzjoni għadhom jiġu miċħuda. Effettivament mill-provi ma jirrizultax sufficjentement li sar xi ftehim bejn dawk kollha involuti fin-negozju fis-sens li l-konvenuta, ghall-merkanzija tal-attur, kellha thallas lill-kjamat in kawza, li da parti tieghu kellu jghaddi l-ammont ircevut lill-attur. Mill-affidavit tal-konvenuta Cortis stess, jirriżulta illi l-attur u hija ftehmu illi l-attur jibgħat ħwejjeġ biex jinbiegħu hawn Malta lilha b’liċenzja illi hija kellha fuq isimha. Ghalhekk jista jinghad li jirriżulta li sar  negozju bejn il-konvenuta u l-attur u konsegwentement it-tielet eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda. Inoltre l-konvenuta ssostni li malli daħal fix-xena l-kjamat fil-kawża Cauchi u cioe’ fir-relazzjoni kummercjali taghha mal-attur, hi ma kellha xejn aktar x’taqsam f’tali relazzjoni. Il-konvenuta tikkonferma li kienet tiddepożita l-flejjes li kienet iddaħħal mill-bejgħ tal-merkanzija kienet tiddeposithom mal-kjamat fil-kawża Cauchi.

F’dan ir-rigward Cauchi jiċħad dan kollu. Inoltre l-konvenuta ma pprovatx li ghamlet xi pagament lill-kjamat fil-kawża. Il-konvenuta tikonferma li kien wasal iż-żmien meta hi xtaqet  toħroġ mill-ftehim illi kien sar mal-attur. Tgħid li wara li ħarġet kompletament mill-ftehim, l-attur

Mertoli xorta baqa' jagħmel spedizzjonijiet lejn Malta fuq il-liċenzja li kienet fuq isimha. Pero' ghal Qorti din tal-konvenuta mhux verzjoni verosimili stante li ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet xi haga fir-rigward li l-liċenzja tal-importazzjoni li kienet f;isimha kienet qed tintuża kontra l-kunsens tagħha.

Il-konvenuta, fl-ewwel affidavit taghha, tghid kif gej:- "Lejn l-ahhar ta' Marzu 1994, jiena iddecidejt li nieqaf u ma nibqax nippartecipa fin-negozju … Jiena tlabt lil Mertoli u lil Gino Cauchi biex jaghtuni lura l-licenzja u d-dokumenti. Dawn pero irrifjutaw u komplew juzaw il-licenzja tieghi u jimpurtaw il-merkanzija fuq ismi … minghajr il-kunsens tieghi u minkejja li kont avzajt lil Mertoli kif ukoll lil Gino Cauchi li ma ridtx inkompli niehu sehem fin-negozju."

Fl-affidavit ulterjuri taghha l-konvenuta tghid li:-"Meta jiena kont infurmajt lil Giuseppe Mertoli u lil Gino Cauchi, li ma xtaqtx inkompli bil-ftehim, fis-sens li nohrog kompletament 'il barra minn negozju, dawn accettaw." Hawnhekk tirrizulta lampanti l-inkonsistenza bejn l-ewwel u t-tieni affidavit tal-konvenuta.

Is-sitt eċċezzjoni l-konvenuta Cortis tecċepixxi li l-ammont mitlub hu ezagerat u f'dan ir-rigward il-konvenuta taghmel referenza ghall-ittra interpellatorja esibita f'dawn il-proceduri bhala "Dokument JC1."

Gew ukoll esibiti varji fatturi, li uhud minnhom f'isem il-konvenuta bhal dok.GM 2, dok.GM 3 Dok.GM 4. dok.GM5, Dok GM 6, Dok.GM 7. Dawn il-fatturi kienu ghal varji ammonti. Uhud ohra ma kienux f'isem il-konvenuta bhal dok.GM 8 li nħarġet fuq isem "Moda Market." Hu zgur li l-konvenuta m'ghandix tigi ritenuta responsabbli ghall-hlas tal-ammont indikat f'din l-ahhar ulanqas na hi resposabbli ghal f'isem Moda Market u mhux fuq isem il-konvenuta. Zgur ukoll li l-konvenuta mhux responsabbli ghal ammont indikat f'din il-fattura.

L-imsemmi dokument JC 1 (fol.24), li kif gia rilevat hu ittra ufficjali mibghuta mid-difensur tal-attur lill-konvenuta f'Awissu 1994, li permezz taghha l-konvenuta giet

interpellata biex thallas lill-attur Giuseppe Mertoli s-somma ta’ Lm2,400 bhala bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija. Sussegwentement jirrizulta li giet presentata citazzjoni. Ghandu jigi notata li l-ammont mitlub fic-citazzjoni hu ogħla minn dak mitlub fl-imsemmija ittra. Ma hemm xejn li josta li fic-citazzjoni tigi mitluba somma akbar minn dik mitluba f’xi att precedenti. Dan jista jkun dovut ghal diversi motivi bhal zieda tal-imghaxxijiet, zball fl-ewwel itrra interpellatorja jew kalkoli hziena.  Li hu zgur hu li ma hemm ebda nullita’ naxxenti minn dan il-fatt u cioe’ li fil-presenti proceduri qed jintalab somma akbar minn dik mitluba f’att gudizzjarju precedenti. Kwindi anke l-eccezzjoni in ezami jisthoqqilha li tigi rigettata.

Il-konvenuta teccepixxi, fis-seba’ eċċezzjoni, li in effett hi kreditrici tal-attur u ghalhekk fi kwalunkwe kaz hemm lok ghal tpacija skond l-artikoli 1196 u 1197 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din l-eccezzjoni ukoll timmerita li tigi michuda stante illi l-konvenuta ma pprovatx li hemm xi ammonti dovuti lilha mill-attur.

L-ewwel eccezzjoni tal-imsemmi kjamat in kawza timmerita li tiġi milqugħa stante li ma jirrizultax li l-istess kjamat fil-kawza kellu parti attiva f’dan il-kummerc u lanqas ma l-konvenuta rnexxielha tipprova li l-istess kjamat fil-kawza huwa debitur taghha jew tal-attur. L-unika ħaġa li tirriżulta hi li l-kjamat fil-kawża kellu semplicement l-inkarigu  li jgorr u jikkonsenja l-merkanzija (li kienet tikkonsisti fi hwejjeg) lill-konvenuta wara li din tinhareg mid-Dwana. In effett il-kjamat in kawza Cauchi kkonferma li huwa esegwa biss ix-xoghol tieghu ta’ burdnar u ghalhekk m’ghandux x’jaqsam mal-ammonti pretizi mill-attur. B’**hekk** anke din it-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawza għandha tiġi milqugħa.

Inoltre l-konvenuta tissottometti li dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu mhux verosimili għaliex huwa inkonċepibbli li xi hadd jirċievi ħlas ta’ profitti qabel ma jitħallas tal-merkanzija. Fl-opinjoni tal-Qorti dan l-agument hu non-sequitur stante li l-ħaġa li tissenjala l-profitt hi li l-merkanzija tkun inbiegħet, u mhux li tħallset. Ghandu ukoll jigi precisat li r-ricevuti li ppresentat il-konvenuta

m'ghandhomx x'jaqsmu mal-fati li huma l-meritu ta' dawn il-proceduri u kwindi zgur li ma jirrizultax li l-konvenuta ghaddiet il-flus tal-merkanzija lill-attur jew lil kjamat fil-kawza.

In vista tal-premess jirrizulta ampjament li l-konvenuta Cortis hi debitriċi tal-attur nomine. L-ammonti dovuti mill-konvenuta lill-attur huma dawk kontenuti fil-fatturi numri GM 2 – GM 8 stante illi dawk huma l-irċevuti li nħarġu fuq isem il-konvenuta li jammona ghal total ta liri taljani 15135150 jew €7,816.65 (seba telef tmien mija u sittax euro u hamsa u sittin centezmi.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera lill-konvenut Nazzareno Cortis mill-osservanza tal-gudizzju, billi fit-tieni lok tillibera ukoll lill-kjamat fil-kawza Gino Cauchi mill-osservanza tal-gudizzju u dan billi qed jigu akkolti l-eccezzjonijiet tal-istess kjamat fil-kawza, billi fit-tielet lok tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu tal-konvenuta u konsegwentement tilqa t-talba tal-attur limitatament ghas-somma indikata ta' €7,816.65 u b'hekk tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur l-imsemija somma €7,816.65 (seba telef tmien mija u sittax euro u hamsa u sittin centezmi, bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data rispettiva ta' kull fattura in kwestjoni. .

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenuta ad eccezzjoni ta' dawk l-ispejjez li jirrigwardaw il-konvenut Nazzareno Cortis u l-kjamat fil-kawza Gino Cauchi li ghamdhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------